Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.
Mag. Juris (EU Law)
Awla 9

Il-Pulizija

(Spettur Robert Gregory)

vs

xx u xx

Illum 5 ta' Marzu, 2002

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-pulizija kontra l-imputati talli fit-23 ta' Dicembru 2001, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda :

1. ghall-habta tas-saghtejn ta' filghodu mill-fond maghruf bhala Havana Bar, Triq San Gorg, Paceville ikkommettew serq ta' handbag li kien jikkontjeni

oggetti ghad-detriment ta’ Felicity Cilia minn Haz-Zebbug, liema oggetti jiswew iktar minn mitt lira Maltin (LM100), izda anqas minn hames mitt lira Maltin (LM500), u liema serq huwa aggravat bil-valur, bil-lok u bil-hin u dan bi ksur ta’ Artikolu 261, 267, 269 u 270 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. ghall-habta tas-saghtejn u nofs ikkommettew serq mill-fond maghruf bhala Going Places li jinsab gewwa t-Triq Ball, Paceville ta’ handbag li kien jikkontjeni diversi oggetti ghad-detriment ta’ Ruth Borg minn Santa Lucija, liema oggetti jiswew iktar minn mitt lira Maltin (LM100) izda anqas minn hames mitt lira Maltin (LM500) u liema serq huwa aggravat bil-valur, bil-lok u bil-hin u dan bi ksur tal-Artikoli 261, 267, 269 u 270 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar fl-istess gurnata, hin, lok u cirkostanzi, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat u dan bi ksur ta’ Artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni;

Issibhom hatja wara illi rat l-Artikoli 261(c), (e) u (f), 267, 269, 270, 279, 280, 281 u 37 tal-Kap. 9;

Ikkunsidrat ghall-fini ta’ piena il-fatt illi l-imputati huma minorenni, il-fatt illi ikkoperaw mal-pulizija matul l-investigazzjoni, il-fatt illi irregistraw ammissjoni mal-ewwel, il-fatt illi ir-refurtiva giet rekuperata, kif ukoll illi ghandhom fedina penali netta.

Ghaldaqstant il-Qorti ma tqisx illi piena karcerarja tkun idonea ghall-akkadut, wara illi rat ukoll l-Artikolu 9 tal-Kasp. 152, filwaqt illi tilliberahom tobbligahom illi ma jaghmlux reat ehor fi zmien sentejn millum;

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi spjegat lill-hatja bi kliem car bir-responsabbilta’ taghhom, skond il-Ligi jekk huma jikkommettu reat iehor matul dan il-perijodu ta’ liberazzjoni taht kundizzjoni.

(ft) Rita Saliba
Deputat Registratur